**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 167/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**David Lineker Micallef**

Illum, 27 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonnijiet dedotti kontra l-appellant, David Lineker Micallef, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 196887(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Jannar 2009 u xhur qabel fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pusess tiegħu d-droga erojina u methadone speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli b'hekk sar reċediv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 t'April 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat David Lineker Micallef ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu (in kwantu tirrigwarda s-sustanza eroina) filwaqt li lliberatu mit-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għall-piena ta' ħames xhur priġunerija effettiva. *In oltre*, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat lill-ħati David Lineker Micallef sabiex iħallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 241.71, konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proċeduri odjerni fi zmien sena mid-data tas-sentenza. Fl-aħħarnett, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċes-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn ħmistax -il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fit-3 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ġie lliberat mit-tieni akkuża relatata mar-reċediva u tirrevokaha in kwantu għas-sejbien ta' ħtija rigward l-ewwel akkuża u minflok tilliberah mill-istess akkuża u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata nhar il-21 ta' Ġunju 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju ventilat minnu, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha, b'dan illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha fil-konfront tiegħu lill hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Isejjes dan l-ilment tiegħu fuq diversi brani mit-testimonjanza ta' CO 165 Dennis Thorton, u jisħaq li ġaladarba fiz-zmien tal-inċident *de quo* kien hemm laxxkezza kbira fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fir-rigward ta' siġurta' u kien hemm ukoll problema tad-droga fost ir-residenti fil-Faċilita', allura l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tkun moralment konvinta li d-droga misjuba kienet tappartjeni propju lilu.

Illi, stante li dan l-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul in prim'istanza jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha[1]. Illi għal dan il-għan il-Qorti eżaminat l-atti proċesswali iżda limitatament fir-rigward tal-provi marbuta mar-reat tal-pussess ta' droga erojina billi l-appell huwa ċirkoskritt għal dik il-parti tas-sentenza appellata li sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-pussess ta' din is-sustanza perikoluża.

Illi jibda biex jingħad illi s-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti kien imsejjes fuq provi ċirkostanzjali mressqa mill-Prosekuzzjoni billi provi diretti illi d-droga kienet fil-pussess tal-imputat ma kienx hemm. Illi dwar il-prova indizzjarja hemm hekk imgħallem:

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**"L-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda. Ovvjament jekk fatt jew ċirkostanzi jistgħu raġonevolment jingħataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni waħda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-liġi, sabiex in bażi tagħha tista' tinstab ħtija. Kif tgħid u titlob il-liġi, biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bhala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġonevolment jasal għall-konklużjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univocita' tagħha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju raġonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-liġi.**

**Wieħed għandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni talprova ndizzjarja għaliex għalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li faċilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jgħamel l-interpretazzjoni w apprezzament tagħha[2]."**

Illi mill-provi kkumpilati jemerġi illi nhar is-6 ta' Jannar 2009, waqt spezzjoni magħmula minn tlett gwardjani stazzjonati ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin f'ċella numru erbatax (14) ġewwa Division 1 ta' l-istess ħabs, kien misjub qartas kontenenti trab suspettuż, biċċiet tal-*foil,* żewġ pilloli ta' lewn blu u tubu zgħir b'likwidu ta' lewn ħadrani. Minn eżami forensiku li sar fuq l-oġġetti elevati minn din iċ-ċella mill-espert tal-Qorti, l-iSpizjar Godwin Sammut, irriżulta li t-trab ta' lewn kannella li nstab kien jikkonsisti fid-droga erojina fl-ammont totali ta' 0.7 grammi u b'purita' ta' 15%, filwaqt li nstabu ukoll traċċi tal-erojina fuq il-*foil* misjub.

Illi mix-xiehda ta' ASCO David Scerri, CO 165 Dennis Thorton u CO 134 Kenneth Fenech, irriżulta li ċ-ċella in kwistjoni li fiha nstabet id-droga erojina kienet okkupata unikament mill-appellant – fatt li ma jidhirx li huwa kkontestat minnu. Irriżulta ukoll li din iċ-ċella kienet għall-użu esklussiv tiegħu u għalhekk ma kien hemm l-ebda priġunier ieħor li kien residenti fiha.

Illi, huwa minnu li CO 165 Dennis Thorton xehed li fiz-zmien tal-inċident *de quo*, kien hemm nuqqas ta' sigurta' fil-Ħabs kif ukoll li kienet tezisti problema serja tad-droga ġewwa l-Faċilita' fost il-priġunieri. Huwa xehed ukoll li kien hemm ftit impjegati dak iz-zmien u minħabba f'din ir-raġuni, u ċioe' in-nuqqas ta' *staff*, iċ-ċelel

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002.

wara li kienu jinfetħu, jitħallew miftuħa mbagħad jerġgħu jingħalqu f'ħin aktar tard. L-appellant qed jisħaq li minħabba f'hekk, id-droga misjuba setgħet faċilment tpoġġiet fiċ-ċella tiegħu minn terza persuna u mhux minnu. Dan jallaċjah ukoll ma' dak li hemm imnizzel fir-rapport tal-*PIRS* ippreżentat in atti, u ċioe' li l-appellant ma kienx fiċ-ċella tiegħu fil-ħin li saret l-ispezzjoni, izda kien fil-kurridur. Jibda biex jingħad illi mhuwiex minnu illi f'dan ir-rapport eżebit a fol. 49 u 50 ta'l-atti hemm dan ir-rakkont dwar dak li seħħ u dan għaliex għalkemm hemm indikat illi l-appellant twaqqaf fil-kurridur mill-gwardjani u saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu, fejn kienu misjuba diversi oġġetti fosthom żewġ *telecards* u pakkett sigaretti moħbija fil-qalziet ta' taħt tiegħu. Madanakollu wara din is-sejba saret spezzjoni fiċ-ċella tal-appellant fejn kienet misjuba id-droga fost oġġetti oħra. Imkien ma hemm indikat illi waqt din it-tfittxija l-appellant baqa' fil-kurridur. Fuq kollox fix-xiehda tagħhom il-gwardjani tal-Ħabs kienu konkordi illi l-appellant kien qiegħed ġewwa ċ-ċella tiegħu, waħdu, fil-ħin li saret it-tfittxija, u dina l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma għandha ebda raġuni tiddubita mill-verosimiljanza ta' din il-verżjoni tal-fatti. Illi abbinat ma' din it-testimonjanza imbagħad hemm il-prova illi d-droga instabet moħbija ġewwa żarbun jew papoċċ li kien hemm f'din iċ-ċella li fiha kien jirrisjedi unikament l-appellant, kif *del resto* instabu moħbija u fil-pussess tiegħu is-sigaretti u t-*telecards* u telefon ċellualri taħt is-saqqu fiċ-ċella. Huwa minnu li ma ġie qatt iddeterminat lil min kienet tappartjeni iz-zarbuna fejn kienet misjuba d-droga, madanakollu huwa minnu ukoll li l-istess zarbuna instabet moħbija ġewwa ċ-ċella okkupata unikament mill-appellant fi żmien meta kien ippruvat illi l-appellant kellu dipendenza fuq id-droga, fosthom id-droga erojina, u għaldaqstant huwa verosimili li d-droga misjuba kienet filfatt tappartjeni lilu.

Illi, għalhekk in vista ta' dan kollu, l-Qorti hija tal-fehma li l-provi ndizzjarji miġjuba f'dan il-każ kienu univoċi u lkoll jippuntaw f'direzzjoni waħda – u ċioe' li d-droga misjuba kienet taħt il-pussess u l-kontroll uniku tal-appellant, u għaldaqstant l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għad-deċizjoni tagħha ta' ħtija. Għal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-tieni aggravju imqanqal mill-appellant fil-fatt huwa kontinwazzjoni, jekk mhux repetizzjoni, tal-ewwel aggravju u dan meta jikkontendi illi l-Ewwel Qorti applikat il-liġi penali b'mod erronju meta wasslet għal sejbien ta' ħtija fuq provi li ma kenux jilħqu il-grad mistenni sabiex tissussisti r-reita' u ċioe' l-kunċett tal-prova li hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

Illi l-Qorti tistqarr illi qajla tista' tifhem x'ried ifisser l-appellant meta qajjem dan l-ilment għaliex l-ewwel aggravju kien jitratta proprju l-lanjanza li l-Ewwel Qorti fl-apprezzament minnha magħmul tal-provi ma wasslitx għal sejbien ta' ħtija sal-grad mistenni fil-kamp penali. Kwindi billi jidhirlha li dan l-aggravju ma għandu ebda sens loġiku kif ippostulat bħala ilment *ad hoc* meta l-appellant kien għadu kemm qanqal dan l-ilment identiku fl-ewwel aggravju, il-Qorti mhijiex ser tieħu konjizzjoni tiegħu stante illi għalih japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet diġa' magħmula.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**